MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1508/2001/1

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Ottubru, 2002**

**Numru 34**

**Avviz  numru 1508/01JR**

**Maltacom plc**
**vs**
**Joseph Formosa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmintax-il lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm518.17), dovuti lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 324378, 324381 u 324379 (skond ma jirrizulta mid-Dok.A, B, C u D);**
**Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut kif ukoll bl-ispejjez ta' l-ittra nterpellatorja datata 23 ta' Mejju, 2001, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut dehret fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2002, u pprezentat nota ta' ammissjoni.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tmintax-il lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm518.17), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Novembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 23 ta' Mejju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**